**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : 11**
**Appell Nru: 65/2001**

**Il-Pulizija (Spettur Alexandra Farrugia Mamo)**

**Vs**

**ANTHONY TAYLOR**

**Illum, 24 ta'settembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Anthony Taylor talli f'dawn il-Gzejjer, matul dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w li gew maghmulha b'risoluzzjoni wahda :

1. Bi vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta' Claudine Xuereb, minorenni, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 198 tal-Kap. 9 ;
2. Ikkommetta attentat ghall-pudur fuq il-persuna ta' Claudine Xuereb, minorenni, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 201 (a)(b) tal-Kap. 9 ;

3. B’eghmil zieni, ikkorrompa lill-Claudine Xuereb, minorenni, liema delitt sar bil-hsara ta’persuna li ma ghalqetx l-eta’ ta’ tnax (12) il-sena, inkella bi vjolenza u/jew liema delitt sar b’theddid jew b’qerq ;
4. Bla ordni skond il-ligi t’awtorita’ kompetenti w barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat, arresta, zamm jew issekwestra lill-Claudine Xuereb kontra l-volonta’ taghha, liema delitt sar bhala mezz biex Claudine Xuereb tigi mgieghla taghmel xi haga, jew toqghod ghal xi haga, li toffendi l-misthija tas-sess taghha ;
5. Uza vjolenza sabiex igieghel lill-Claudine Xuereb taghmel, thalli jsir jew tonqos milli taghmel xi haga.

Rat is-sentenza moghtija fis-27 ta’Marzu, 2001, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’Gudikatura Kriminali li biha sabet lill-Anthony Taylor hati ta’dawn l-akkuzi kollha dedotti kontrih, u, konsegwentement, ikkundannatu komplessivament ghall-disa’ (9) snin prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas il-perijodu li hu kien taht arrest preventiv.

Rat ir-rikors t’appell ta’Anthony Taylor datat 4 t’April, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li thassarha w tirrevokaha fil-parti tal-piena biss, billi minflok, tigi mposta piena aktar gusta ghac-cirkosanzi, u tikkonfermaha fil-bqija.

Rat l-aggravju ta’ l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi dan l-appell hu limitat biss ghal dik li hija l-piena ta’ disa’ (9) snin prigunerija mposta mill-ewwel Qorti fuq l-appellant li hu jhoss li kienet piena eccessiva w sproporzjonata.

L-**ewwel aggravju** ta' l-appellant jikkonsisti filli, skond hu, l-ewwel Qorti ma kienetx ikkunsidrat l-ammissjoni nkondizzjonata tieghu ghall-akkuzi kollha dedotti kontrih. Skond l-appellant, l-ammissjoni tieghu li hu rregistra fis-seduta tat-30 ta'Gunju, 2000, quddiem dik il-Qorti, kellha timmilita favur tnaqqis effettiv fil-piena.

Issa, apparti l-fatt li legalment dan ma hu aggravju xejn, din il-Qorti tara li, kuntrarjament ghal dak li qed jghid l-appellant, fil-fatt l-ewwel Qorti kienet ikkunsidrat din l-ammissjoni tieghu, ghalkemm dan ma qalitux b'mod daqshekk car fis-sentenza taghha.

Ta' min jirrileva li l-appellant hu akkuzat b'reati kontinwati, u, ghalhekk, il-piena applikata kienet fil-parametri ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali. Ta' min ifakkar ukoll li normalment sabiex ammissjoni timmilita favur mitigazzjoni fil-piena, ghalkemm dan lanqas ma hu xi dritt awtomatiku ghaliex din hi haga li tibqa' dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, specjalment tal-gravita' w natura tar-reati in kwistjoni, tali ammissjoni ghandha ssir fl-istadju bikri tal-proceduri ma' l-ewwel opportunita' li jkollu l-akkuzat.

Fil-kaz in ezami, l-appellant gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fl-20 ta'Jannar, 1999, u ghad-domandi li sarulu ai termini ta' l-Artikoli 390 (1) u 392 tal-Kodici Kriminali, hu wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi mressqa kontrih. Fil-fatt, l-ewwel darba li hu rregistra l-ammissjoni tieghu kien waqt is-seduta tat-30 ta'Gunju, 2000, cioe' aktar minn sena u hames xhur wara li kien tressaq fil-Qorti in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

Barra minn hekk, l-appellant lanqas ma ammetta fl-ewwel opportunita' li kellu wara li l-Avukat Generali hareg kontrih l-Artikoli tal-Ligi li tahthom akkuzah fl-14 ta'Jannar, 2000. Jirrizulta mill-atti li saru diversi seduti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) din id-darba bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali wara din id-data fejn, allura, l-appellant kellu kull opportunita' li jammetti l-akkuzi, izda dan ma ghamlux, hlief hames xhur wara fit-30 ta'Gunju, 2000.

Li ammissjoni tkun wahda inkundizzjonata mhux bizzejjed biex ikun hemm xi mitigazzjoni fil-piena. Li hu, invece, hafna importanti hu li dik l-ammissjoni tkun wahda bikrija w fl-ewwel opportunita' li jkollu l-akkuzat, dan biex jigi salvat hafna hin tal-Qorti kif ukoll spejjes. Ma jidherx li dan kien il-kaz f'dawn il-proceduri.

Pero', b'dana kollu, kif gja' intqal, huwa skorrett l-appellant jghid li l-ewwel Qorti ma kkunsidratx din l-ammissjoni tieghu meta giet sabiex tiffissa l-piena li dehrilha xierqa f'dan il-kaz, dan ghaliex jidher li dik il-Qorti effettivament ikkunsidrat din l-ammissjoni ta' l-appellant, tant hu hekk li semmietha fis-sentenza taghha.

Fit-**tieni aggravju** tieghu, l-appellant jilmenta mill-fatt li anke hawnhekk l-ewwel Qorti ma kkunsidratx il-fatt li hu '*a first time offender*' meta giet biex tinfliggi l-piena.  Anke hawnhekk, legalment dan ma hu aggravju xejn.

Li wiehed ikun 'a first time offender' ma jfissirx li allura awtomatikament jew bi dritt ma jinghatax piena karcerarja, jew li dik il-piena, ghalkemm karcerarja, tkun wahda vicin il-minimu applikabbli. Anke din hi haga mhollija kompletament fid-diskrezzjoni tal-Qorti li certament, meta tigi biex tapplika l-piena li thoss adegwata, tqis in-natura w gravita' tar-reati in kwistjoni. Fil-kaz in ezami ma hemm ebda dubju li r-reati addebitati lill-appellant huma fost l-aktar serji, aktar u aktar meta jirrizulta li dawn ir-reati twettqu minnu b'certa konsistenza w ripetizzjoni tul medda ta'zmien konsiderevoli w dejjem fuq tifla certament minn meta kellha appena disa' (9) snin sakemm ghalqet it-tnax (12) il-sena.

Apparti dan kollu li ntqal, jigi rilevat li hu narament li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti anke ghal dak li jirrigwarda l-piena. Fil-kaz in ezami, il-fatti gravissimi rizultanti certament ma juru ebda raguni l-ghaliex din il-Qorti ghandha b'xi mod tvarja jew tindahal fid-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti meta giet biex tiffissa l-piena li dehrilha xierqa, tenut dejjem kont

tac-cirkostanzi partikolari ferm gravi ta' dan il-kaz u ta' l-effett psikologiku li dan l-agir ta' l-appellant halla, u ghadu qed ihalli, fuq hajjiet il-minorenni in kwistjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, ghalhekk, filwaqt li l-aggravji ta' l-appellant qed jigu respinti, din il-Qorti tichad l-appell ta'Anthony Taylor u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur